MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Numru. 927/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**

**KONTRA**

**MICHAEL CAMILLERI ta' 52 sena, iben il-mejjet Emanuel u Helen xebba' Sammut, imwieled Tal-Pieta' nhar is-6 ta' Ottubru, 1956, residenti fil-fond numru 1, Kimera, Triq id-Dejma, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 665556M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MICHAEL CAMILLERI** li gie akkuzat talli nhar il-25 ta' Awwissu, 2005 ghall-habta tat-tlieta ta' fil-ghodu gewwa Triq iz-Zenqa, Naxxar u f'dawn il-Gzejjer:

1. Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dolores Camilleri ID 655353M, kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna giet arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sehh bhala mezz biex l-istess persuna giet imgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Dolores Camilleri ID 644353M fil-pussess ta' hwejjigha, jew b'xi mod iehor, kontra l-Ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor;

3. U aktar talli ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il-mara tieghu Dolores Camilleri;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku, u/jew f'lok espost ghall-pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi hebb kontra Dolores Camilleri ID 644353M, sabiex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmilha hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici;

8. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta datata 3 ta’ Dicembru, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a folio 24;

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll li kien wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-origini ta’ din il-kwistjoni in dezamina huwa disgwid maritali, tant illi fiz-zmien ta’ l-incident kineu ghaddejin minn proceduri ta’ separazzjoni personali. Illi l-Qorti in ezami ta’ l-akkuzi dedotti ser taghmel referenza ghal dak illi qal l-akkuzat fl-istqarrija tieghu u dak illi xehed il-habib tieghu Damien Casapinta.

Illi fl-istqarrija tieghu Michael Camilleri fil-fatt jghid illi hu kien wasal id-dar tieghu, fejn kienet tghix anke martu. Hemm sab il-kamra tieghu, l-ufficju tieghu sgassat. Qal illi minn hemm sab nieqes il-computer tieghu, UPS, xi elfejn lira Maltin, dokkumenti relatati mas-separazzjoni u oggetti u affarijiet ohra. Illi stante li ma sab ebda sgass u sab il-kamra ordnata u nadifha, huwa kien cert illi kienet il-mara l-agent ta’ dan in-nuqqas.

Huwa ghalhekk cempel lill-habib tieghu Damien Casapinta biex iwasslu l-ghassa, stante li l-karozza tieghu ma kinitx qieghda tahdem. Marru l-ghassa flimkien jaghmlu d-debita rapport, hemm Camilleri sab il-mara tieghu bil-qieghda fuq bank – hdejha fuq il-bank kellha l-hand bag taghha. Camilleri ghalhekk hadilha dan il-handbag biex b’hekk minghandha jiehu nformazzjoni fejn kien il-computer.

Jghid dwar dan: *'Issa nirrealizza li jammonta ghal serq, imma dak il-hin ma kontx qieghed nahseb li ha nisraq ghax kienet reazzjoni spontanja wara li haditli l-computer'* (folio 20).

Qal illi l-handbag kien tajru fil-karozza ta' Damien.

Jghid illi martu wegghet meta waqghet wahidha, meta hu telaq jigri u hi bdiet tigri warajh. Ammetta anke li anke messilha l-parti privata taghha. Jghid hekk '*Just a touch and go sabiex hi timmanuvra u thalli spazju lili biex nahrab.*' (ibid) Qal ukoll illi hu ma qaghadx jahseb li ghax hadilha l-handbag kellha tigri warajh u twegga'. Zied illi kien jiddispjacieh illi l-mara tieghu kienet wegghet.

Xehed ukoll Damien Casapinta li konferma li minn gewwa d-dar ta' Michael Camilleri kine nieqes certi oggetti bhall-*computer*. Ikkonferma wkoll illi hu kien mar, ghax talbu Michael Camilleri, ghalih u hadu l-ghasssa. Jghid illi meta regghu waslu l-ghassa ra lil Michael Camilleri jigri lejn il-karozza u martu tigri warajh. Ra lil mart l-akkuzat, Doris, taqa' fil-bankina, jghid illi waqghet ezatt quddiem il-karozza tieghu. Jghid illi kien hawn illi Michael (l-akkuzat) qallu biex jitlaq. Mistoqsi jekk Michael Camilleri kellux xi haga f'idejh meta gie jigri lejn il-karozza, wiegeb illi le. Qal pero li meta waslu lura d-dar, l-akkuzat tefa' handbag mit-tieqa tal-karozza minn wara (folio 32). Xehed illi Michael Camilleri qallu li l-handbag kien ta' martu, u li kellu jzommlu l-istess handbag.

Illi konsiderando dan kollu prodott, il-Qorti ssib htija biss fil-konfront tat-tieni akkuza, dan wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (certament l-azzjoni ta' Michael Camilleri fil-konfront tal-handbag qatt ma kienet ta' serq anke jekk hu hekk ammetta), hati' tar-raba' akkuza ghall-mod kif mess lil martu anke jekk b'mod laxk, dan wara li rat l-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hati wkoll tat-8 akkuza ara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan wara li rat is-sentenza ezebita bhala DOK RAS, folio 22, u x-xhieda ta' l-Ispettur Trevor Sammut a folio 47. Tilliberha mill-

kumplament ta’ l-akkuzi, in kwantu ma tqiesx illi huma ppruvati.

Dwar il-piena rat ukoll il-fedina penali tieghu, semghet it-trattazzjonijiet, qiest ukoll l-ispirtu li fihom saru dawn l-incidenti, cioe’ l-antagonizmu li jinholoq f’separazzjoni personali, rat ukoll l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u qieghda tikkkundana lil Michael Camilleri ghal erba’ mija u sitta u sittin Ewro (€466)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------